Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0187(CNS)

19.11.2024

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza li jinħarġu liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu
(COM(2024)0316 – C10-0112/2024 – 2024/0187(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Malik Azmani

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta’ residenza li jinħarġu liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta’ moviment liberu
(COM(2024)0316 – C10-0112/2024 – 2024/0187(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2024)0316),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 77(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0112/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2024),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu beda japplika fit-2 ta' Awwissu 2021. Stabbilixxa standards minimi komuni għall-karatteristiċi tas-sigurtà u għall-formati tad-dokumenti inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u kien parti mill-Pjan ta' Azzjoni ta' Diċembru 2016 għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar użata bħala xprunatur tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata (COM(2016)790).

Fil-pożizzjoni tiegħu tal-2018, il-Parlament Ewropew saħaq fuq l-importanza tat-titjib fl-istandards ta' sigurtà ta' tali dokumenti mhux biss fil-ġlieda kontra l-frodi tad-dokumenti u s-serq tal-identità, iżda wkoll biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu fi ħdan l-UE. Ingħatat importanza speċjali lill-introduzzjoni tal-ogħla standards possibbli f'dawk li huma protezzjoni tad-data u sigurtà tad-data, speċjalment fir-rigward tad-data bijometrika, kif ukoll protezzjoni tal-minorenni. Il-Parlament insista wkoll fuq l-inklużjoni tal-bandiera tal-UE fuq il-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza kollha bħala simbolu viżibbli taċ-"ċittadinanza tal-UE" flimkien mal-identità nazzjonali taċ-ċittadini, li tagħtihom aktar protezzjoni u drittijiet.

Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu 2024 (il-kawża C-61/22, Landeshauptstadt Wiesbaden), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat l-invalidità tar-Regolament (UE) 2019/1157 minħabba l-għażla tal-bażi legali żbaljata. Fil-fehma tal-Qorti, ir-Regolament (UE) 2019/1157 kellu jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 77(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi proċedura leġiżlattiva speċjali, pjuttost milli abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-effetti tar-Regolament 2019/1157 kellhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ ta' regolament validu li jissostitwih u kellu jiġi identifikat terminu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara d-data tal-għoti ta' din is-sentenza bħala żmien raġonevoli għall-adozzjoni ta' regolament ġdid.

Il-Qorti ċaħdet il-motivi possibbli l-oħrajn għall-invalidità tar-Regolament (UE) 2019/1157 ippreżentati lill-Qorti, jiġifieri l-allegat nuqqas ta' osservanza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Fit-23 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat abbozz ta' regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza li jinħarġu liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, li, kif ippreskriviet il-Qorti tal-Ġustizzja, kien ibbażat fuq l-Artikolu 77(3) TFUE. Il-proposta l-ġdida tirriproduċi, fil-biċċa l-kbira, it-test tar-Regolament (UE) 2019/1157 kif ġie adottat mill-Parlament u mill-Kunsill. Kif ġie osservat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fil-proposta, ġie ssuġġerit numru limitat ta' bidliet għat-test tal-2019 bil-għan li jiġu integrati l-adattamenti proċedurali neċessarji u jitqiesu l-iżviluppi li seħħew minn meta kien ġie adottat ir-Regolament (UE) 2019/1157.

Ir-rapporteur jilqa' pożittivament il-proposta tal-Kummissjoni inkwantu, essenzjalment, tirrifletti t-test approvat mill-Parlament fl-2019, li l-approċċ u l-objettivi tiegħu għadhom validi fil-kuntest tal-lum, u jaqbel mal-valutazzjoni skont liema, meta mqabbla mar-Regolament (UE) 2019/1157, fir-Regolament tal-Kunsill taħt eżami, għandhom jiġu introdotti

biss bidliet limitati.